DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
IL-FURJANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning

**Tel:** 2124 5178 / 2598 2478 / 2598 2480
**Fax:** 2598 2149
**Email:** raymond.j.camilleri@gov.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X

**Data:** 2 ta' Diċembru, 2010

**Azzjoni:** X

**Ref:** CMeLD 239/2010

**Lill- :** Prinċipali, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji tal-Istat, Tal-Knisja u Indipendenti u Sezzjonijiet

**Minn:** Sur David Agius Muscat, Uffiċjal Edukattiv - Malti

**Suġġett:** Ir-Regoli tal-Ortografija tal-Lingwa Maltija

---

Skont in-notifikazzjoni numru 642 maħruġa fil-*Gazzetta tal-Gvern ta' Malta* fil-25 ta' Lulju 2008, il-forom ortografiċi li twarrbu fid-dokument *Deċiżjonijiet 1* baqgħu validi temporanjament għal perjodu ta' tliet snin, jiġifieri sal-25 ta' Lulju 2011.

Wara dawn it-tliet snin, il-forom ortografiċi magħżula fid-dokument *Deċiżjonijiet 1* se jkunu **l-uniċi forom korretti** fl-ortografija Maltija.

1. Dan ifisser li **mill-25 ta' Lulju 2011** l-għalliema ma jistgħux ikomplu jaċċettaw il-forom ortografiċi li twarrbu fid-dokument *Deċiżjonijiet 1*.
2. Ifisser ukoll li l-għalliema mitlubin jirrevedu l-ortografija tan-noti li jqassmu lill-istudenti biex hekk josservaw ir-regoli l-ġodda.
3. L-għalliema li jħossu l-bżonn li jkomplu jissaħħu fl-ortografija tal-Malti, f'Lulju u f'Settembru 2011 mistednin jattendu għal żewġ korsijiet ta' aġġornament volontarji għall-għalliema tal-primarja. Tagħrif ieħor jingħata aktar 'il quddiem. Ir-regoli kollha tal-ortografija tal-Malti jistgħu jitniżżlu mis-sit tal-Malti: http://malti.skola.edu.mt/

Dawk kollha li għandhom mistoqsijiet, kummenti jew suġġerimenti huma mitlubin jiktbu lil David Agius Muscat, Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, fl-indirizz david.agius-muscat@gov.mt

Grazzi tal-kollaborazzjoni.

**Raymond J. Camilleri**
**Direttur tal-Kurrikulu u *eLearning***